**10 ta' Diċembru, 1991**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., L.L.D.**

Joseph Picco

*versus*

L-Avukat Ġenerali

**Kostituzzjoni – Konvenzjoni Ewropeja – Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – Ksur, Probabilità ta' – Reat – Inesistenza ta' Reat – Proċeduri – Appelli Kriminali – Rimedju adegwat**

*Ir-rikorrenti kien ġie misjub ħati ta' sfreġju mill-Qorti tal-Maġistrati u kien appella lill-Qorti tal-Appell Kriminali. Fil-pendenza ta' dak l-appell huwa intavola l-preżenti rikorsi billi allega li kienu ġew vjolati fil-konfront tiegħu d-drittijiet fundamentali tiegħu billi kien instab ħati ta' reat li ma kienx jeżiżti. Ir-rikorrent kien qed jippretendi li ma kienx hemm ir-reat ta' xiehda falza meta dik ix-xiehda tkun saret quddiem Qorti Istruttorja. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-talbiet tar-rikorrent. Il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat.*

*Il-Qorti aċċennat li la darba r-rikorrent kellu r-rimedju tal-Appell Kriminali li kien għadu pendenti ma kienx hemm il-probabilità li trid il-liġi li d-dritt fundamentali tiegħu kien ser jiġi vjolat. Il-mera possibilità li Qorti ta' ġurisdizzjoni kompetenti tinterpreta l-liġi b'mod li tirritjeni li l-fatti addebitati lir-rikorrent jikkostitwixxu reat ma jagħtix lok għall-vjolazzjni allegata.*

Il-Qorti: – Ikkunsidrat:

Fl-14 ta' Mejju, 1990 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Ġudikatura Kriminali, sabet lir-rikorrenti ħati li (a) ta'xiehda falza, (b) ħalef falz u (ċ) li bħala uffiċjal pubbliku ħalla reat jsir meta kellu d-dmir li jissorvelja biex ma jisrx jew li jimpedieh;

Ir-rikorrent appella minn din is-sentenza u waqt li hija pendenti l-kawża fil-Qorti tal-Appell Kriminali – *Sede Inferjuri* – ippromwova dan ir-rikors quddiem l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, u qal illi:

"qed jibbaża l-lanjanza tiegħu fuq il-fatt li hu ġie akkużat u kkundannat ta' reat li skond il-liġi ma jikkostitwixxix reat. Hu ġie kundannat talli f'kumpilazzjoni meta ma hemmx "kawża" ħa ġurament falz .... Huwa biżżejjed li l-esponenti jagħmel riferenza għal dak li kien diġà ġie sottomess fil-kawża "Ir-Repubbllika vs Dottor Lawrence Pullicino ...."

U jkompli hekk:

"L-esponenti għandu dritt jaġixxi issa. Għandu dritt li ma jħallix lil ħadd jixħetlu akkuża, Maġistrat isibu ħati, u Qorti tista' ma taqbilx mal-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) b'eżitu negattivissimu għalih. Anzi ta' min isemmi li meta l-esponent talab li l-Qorti tal-Appell tissopprasjedi, ġie sottomess mill-Avukat Ġenerali li kull qorti tiddeċidi kif tifhimha hi u m'hix marbuta b'deċiżjoni ta' qorti oħra. Għalhekk hu meħtieġ ir-rimedju kostituzzjonali."

L-aġir tal-Avukat Ġenerali li akkuża fuq il-fatti, l-Qorti tal-Maġistrati li sabet il-ħtija, jikkostitwixxi ksur tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem taħt l-art. 7(1) kif ukoll ksur attwali taħt l-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni, kif ukoll li s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati tikkostitwixxi ksur effettiv tal-istess disposizzjonijiet.

L-Avukat Ġenerali tar-Repubblika rrisponda illi:

(a) r-rikors huwa intempestiv u l-Qorti m'għandhiex tkompli tikkunsidrah skond l-art. 46(2) tal-Kostituzzjoni;

(b) ħadd ma jista' jinstab ħati ta' reat li ma jeżistix imma jekk il-fatti l-ewwel allegati u mbagħad, dawk pruvati, jammontawx għar-reat konfigurat, hija kwistjoni oħra, u din m'hijiex kwistjoni kostituzzjonali u hija kwistjoni li ma hijiex ta' kompetenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili;

(ċ) ir-rikorrenti ġie akkużat li kkommetta r-reati kontemplati fl-artikoli 104(1), 108(1)(a), 109(1)(2) u 141 tal-Kodiċi Kriminali – ċjoè reati li jeżistu. Il-fatti li l-Avukat

Ġenerali jippretendi li sostnew l-akkużi, kellhom jiddeċidu fuqhom jew il-ġurati fil-Qorti Kriminali, jew il-Maġistrat, kif jagħżel ir-rikorrent. Bir-rikors huwa qed jippretendi li dan il-ġudizzju – fuq il-liġi u fuq il-fatti – tiddeċidi fuqhom il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili;

(d) li s-sentenza tal-Qorti ta' Appell Kriminali tas-7 ta' Frar, 1991 fl-ismijiet "Ir-Repubblika ta' Malta vs Dr. Lawrence Pullicino" inkwantu ttrattat fuq l-elementi kostituttivi tar-reati ta' sperġur u korruzzjoni ta' xhud, kellha fatti totalment differenti minn dawk li hemm fil-proċedura preżenti;

(e) il-leżjoni lamentata minħabba l-akkużi tal-Avukat Ġenerali ilha li saret sa minn Settembru, 1987, imma r-rikorrenti qed jgħid li issa qed iħossha – f'dan ir-rikors tas-6 ta' Mejju, 1991;

Dik l-Onorabbli Qorti ddeċidit ir-rikors fis-17 ta' Ġunju, 1991, u wara li eżaminat l-artikoli rilevanti tal-Kodiċi Kriminali u kkwotat l-art. 39(8) tal-Kostituzzjoni u l-art. 7(1) tal-Konvenzjoni w l-atti tal-proċess quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ikkonkludiet hekk: –

"Illi din il-Qorti mhix qed tikkonsidra l-mertu ta' dan ir-rikors bħala materja frivola, però hija sodisfatta illi għall-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu r-rikorrent għad għandu disponibbli għalih ir-rimedju ta' l-appell lill-Qorti tal-Appell Kriminali, rimedju illi, kif ġa ingħad, ir-rikorrenti qed jeżerċita u illi għalhekk, għandha tilqa' l-ewwel sottomissjoni ta' l-intimat billi b'applikazzjoni tal-proviso ta' l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u ta' l-artikolu 4(2) tal-Att XIV tal-1987 tirrifjuta illi teżerċita s-setgħat tagħha....."

Ir-rikorrenti appella u ssottometta dawn ir-raġunijiet:

(a) il-Kostituzzjoni tagħna tikkontempla protezzjoni tad-drittijiet fundamentali ta' **qabel** ma jkun hemm attwalment il-lezjoni ta' dawk id-drittijiet. Il-**possibilità** illi dawk id-drittijiet se jinkisru, hija biżżejjed. F'dan il-każ hemm kemm ksur **attwali** kif ukoll **potenzjali;**

(b) huwa manifest li hemm possibilità ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti billi l-intimat stess qed jgħid li dak li jiddeċidu tlett imħallfin fil-Qorti tal-Appell Kriminali ma jorbotx fis-sens li kull imħallef huwa liberu li jiddeċidi skond il-kuxjenza tiegħu;

(ċ) li hemm bżonn rimedju issa għaliex jekk is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tiġi kkonfermata, allura l-ħsara tar-rikorrent tikber - minħabba ż-żmien li jrid jgħaddi sakemm jispiċċaw il-proċeduri quddiem il-qrati kompetenti fi kwistjonijiet kostituzzjonali; huwa jkun tilef il-libertà u l-ebda Qorti ma tista' tagħtih lura ż-żmien hekk mitluf mill-libertà tiegħu.

L-ewwel diffikultà f'dan l-appell hija dik tas-sinjifikat preċiż tal-kliem li hemm fl-art. 46(1) tal-Kostituzzjoni, li kull persuna li tallega li xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-artikoli li jelenkaw id-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali ta' l-Individwu – "tkun ġiet, tkun qed tiġi jew **tkun x'aktarx ser tiġi,** miksura...." tista' titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għal rimedju;

Fil-każ preżenti l-leżjoni hija prospettata li ser tiġi minn deċiżjoni **li trid tagħti** Qorti ta' Kompetenza Superjuri;

Il-kliem tad-disposizzjzoni ma jfissrux – kif issottometta

inkorrettement ir-rikorrent – li jista' jintalab rimedju meta huwa virravviża **possibilità** ta' leżjoni. Irid fl-ewwel lok ikun hemm il-**probabilità tagħha,** għaliex **"x'aktax se tiġri",** hekk normalment tfisser;

Fit-tieni lok, stabbilita l-probabilità biex il-Qorti tkun tista' tagħti rimedju adegwat trid bil-fors tagħmel eżami tal-**gradi ta' probabilità**, għaliex altrimenti, l-eżerċizzju tagħha jista' jkun ineffikaċi;

L-area tal-**probabilità** hija aktar limitata minn dik tal-**possibilità,** però xorta waħda hija vasta, biżżejjed biex, sa issa, sfuġġiet il-kapaċità tal-bniedem li jifhimha biżżejjed biex ikun jista' jistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw il-fenomenu. Għalhekk hawnhekk il-probabilità li trid il-Kostituzzjoni ma tistax tkun marbuta ma' xi regoli preċiżi u allura hija rimandata għall-prudenza u l-kapaċita' intellettiva tal-ġudikant;

Fil-każ preżenti l-ewwel Onorabbli Qorti deħrilha illi m'għandhiex bżonn li tikkunsidra l-kwistjoni minn din il-perspettiva għaliex, billi hemm kunsiderazzjoni preliminari li teżentaha minn dak l-obbligu, u għalhekk m'hemmx bżonn li l-punt in kwistjoni jiġi elaborat aktar minn hekk, wara li ġiet iċċarata d-differenza bejn possibilità u probabilità, la darba din issemmiet mir-rikorrent;

Ir-rikorrenti jesponi li s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-14 ta' Mejju, 1990 sabitu ħati tar-reat kontemplat fl-artikolu 104(1) tal-Kodiċi Kriminali, u f'dik is-sentenza dik il-Qorti nterpretat il-frażi "proċeduri kriminali" li hemm fl-istess artikolu, bħala li tinkludi wkoll il-proċeduri quddiem dik il-Qorti fil-kompetenza tagħha ta' Qorti ta' Istruttorja Kriminali. Dik

l-interpretazzjoni, il-Qorti waslet għaliha wara studju ta' diversi ġuristi – tagħna u barranin – u d-duttrini diversi, in materja – ara fol. 20 sa 25 tal-proċess, li jikkomprendi l-kopja (kawżi illeġibbli) ta' dik is-sentenza;

Fis-7 ta' Frar, 1991 il-Qorti tal-Appell Kriminali Superjuri – fil-kawża Ir-Repubblika ta' Malta vs. Dr. Lawrence Pullicino – eżaminat ukoll l-istess artikolu u interpretat dik il-frażi u waslet għall-konklużżjoni li "proċeduri kriminali" ma tinkludix il-proċeduri ta' istruttorja maġisterjali;

L-ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza li minnha qed isir dan l-appell, qalet essenzjalment illi hija sodisfatta illi r-rikorrenti – billi għadu pendenti l-appell tiegħu quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali Inferjuri kontra s-sentenza ta' l-14 ta' Mejju, 1990, għadu ma eżawriex il-mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur minnu allegat – u dan għamlitu skond ma jipprovdi u jawtorizzaha tagħmel l-art. 46(2) tal-Kostituzzjoni;

Din id-deċiżjoni ma tindikax jekk kemm-il darba l-ewwel Qorti eżaminatx il-fatti lilha esposti biex tara tirriskontrax fihom il-leżjoni ġà sofferta kif jallega r-rikorrent, u qed tirritjeni illi jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri, tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati fil-parti tagħha li tirrigwarda l-art. 104 tal-Kodiċi Kriminali, allura dik ir-revoka tkun rimedju għal dik il-leżjoni; jew inkella sempliċement, illi, irrispettivament jekk dawk il-fatti jikkostitwux jew le leżjoni ta' dritt fundamentali, r-rikorrent, għall-lanjanza tiegħu għandu favur tiegħu mezzi disponibbli għal rimedju skond il-Kodiċi Kriminali – kif preċiżament isemmi l-imsemmi art. 46(2) tal-Kostituzzjoni;

Din l-ambivalenza possibbli tas-sentenza appellata tobbliga

lil din il-Qorti li teżamina ż-żewġ alternattivi;

Minħabba dak li ġie deċiż mill-ewwel Qorti tal-Appell Kriminali Superjuri, ir-rikorrent Joseph Picco qed jippretendi li b'daqshekk huwa sofra leżjoni tad-drittjiet fundamentali tiegħu u jinvoka l-artikoli 39(8) tal-Kostituzzjoni u 7(1) tal-Konvenzjoni. Dawn jgħidu hekk:

"39(8): Ħadd ma għandu jitqies li jkun ħati ta' reat kriminali minħabba f'xi att jew omissjoni li, **fil-ħin meta jkun sar,** ma jkunx jikkostitwixxi reat bħal dak, u ebda piena ma għandha tiġi mposta għal xi reat kriminali li tkun aktar severa fi grad jew xorta mill-ogħla piena li setgħet tiġi mposta għal dak ir-reat fiż-żmien meta jkun ġie magħmul."

"7(1): Ħadd ma għandu jitqies li jkun ħati ta' reat kriminali minħabba f'xi att jew omissjoni li ma kienux jikkostitwixxu reat kriminali skond liġi nazzjonali jew internazzjonali **fil-ħin meta jkun sar.** L-anqas ma għandha tingħata piena akbar minn dik li kienet applikabbli fiż-żmien meta r-reat kriminali jkun sar;"

Dawn iż-żewġ artikoli sostanzjalment jinkorporaw żewġ massimi antikissimi *"nullum crimen sine lege"* u *"nulla poena sine lege"*, it-tnejn intiżi biex jarġinaw mhux biss dik it-tip ta' leġislazzjoni li kienet toħloq reat ġdid jew piena ġdida w tordna wkoll li għandhom japplikaw minn dati antiċedenti t-twelid tagħhom, imma wkoll dik l-attività ġudizzjarja li biha l-ġudikant kien japplika u jimplimenta norma kriminali jew penali għal fatti antiċedenti għad-dati li fihom saru dawk in-normi. Fid-duttrina dan l-istitut huwa magħruf bħala dak tal-esklużjoni tar-retroattività tal-liġijiet fid-dritt kriminali u penali. Liema regola kontra r-retroattività ma tapplikax meta n-normi ġodda

jirriżultaw favur l-akkużat li għandu jibbenefika, anzi, immedjatament mill-bidla fil-politika leġislattiva tal-Istat;

Dan il-paragrafu jista' jingħalaq billi jsir aċċenn għall-istudju ta' Mario Falco *"Sul principio della irretroattività della legge"* f'*"Rivista di diritto commerciale"* 19197, P. I, 710 – fejn juri illi l-kumpilaturi tal-Kodiċi Napolejoniku, kif jidher mill-karti tax-xogħol preparatorju – kienu impressjonati minn-numru ta' liġijiet emanati mid-diversi organi rivoluzzjonarji franċiżi ta' ftit snin qabel u li kienu jingħataw validità retroattiva jew bis-saħħa ta' norma espressa jew bis-saħħa ta' direttiva espressa lill-ġudikant, meta dan, kien jista' jinzerta li ma kienx ta' dik il-"fehma";

Huma dawn il-prinċipji ta' non-retroattività li jikkostitwixxi n-nukleju ġuridiku tad-dritt fundamentali artikolat fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni kif kwotati;

Il-fatti avvanzati mir-rikorrenti ma jikkwalifikawx bħala leżjonijiet ta' dan id-dritt fundamentali. Hawnhekk m'hawn ebda liġi ġdida li ġiet applikata retroattivament u l-anqas ma hawn liġi, anki mhux ġdida li **x'aktarx** se tiġi applikata b'mod retroattiv mill-imħallef sedenti fil-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri, fejn, dan il-mument jinsab il-proċess kontra r-rikorrenti.

Dak li verament qed jitlob ir-rikorrent huwa li jibbenefika minn żewġ interpretazzjonijiet differenti li nagħtaw minn żewġ Qrati ta' Kompetenza Kriminali. Dawn iż-żewġ interpretazzjonijiet ġew mogħtija leġittimament għal dik li hija l-ġurisdizzjoni taż-żewġ Qrati, kif ukoll ponderatament għaliex iż-żewġ sentenzi huma l-frott ta' studju ta' duttrina w ġurisprudenza kemm tagħna u kemm stranjiera. Huwa

naturalment mhux biss desiderabbli, imma wkoll essenzjali li l-Qrati jiffavorixxu t-tendenza eżistenzjali taċ-**ċertezza** tad-Dritt, imma huwa daqstant ieħor biżżejjed magħruf li hemm diversi arei tad-dritt fejn iċ-ċertezza għadha ma ntlaħqitx, fejn, kif jgħidu l-ġuristi, l-punt għadu mhux paċifiku;

Il-benefiċċju li qed jirrikjama r-rikorrnet però huwa wieħed li jista jingħatalu - jekk, kif u safejn – skond kif tiddetermina Qorti ta' Kompetenza Kriminali u mhux din il-Qorti Kostituzzjonali inkwantu dak li huwa qiegħed javita u jirrikorri fuqu huwa oġġett ta' ġurisdizzjoni kriminali inkwantu ma qabiżx il-limiti traċċjati mid-drittijiet u libertajiet fundamentali tal-individwu, li jappartjenu għal dik il-ġurisdizzjoni ġenerali tal-Ġustizzja Naturali u għalhekk fundamentali tal-persuna, li hija mogħtija lil din il-Qorti biex l-istess drittijiet supremi jiġu dejjem imħarsa fuq kull dritt ieħor, li huma x'inhuma, huma dejjem subordinati għalihom, fis-sens, illi l-ordni li huma jipproklamaw tippresupponi konkordanza sostanzjali ma' dawk id-drittijiet bażilari;

Għal dawn ir-raġunijiet għalhekk, billi din il-Qorti ma tarax li r-rikorrenti bil-fatti minnu esposti sofra xi leżjoni ta' dak id-dritt fundamentali li jsemmu l-artikoli 39(8) tal-Kostituzzjoni u 7(1) tal-Konvenzjoni, u l-anqas ma tirravviża li x'aktarx jista' jbati tali lezjoni bl-operat tal-Onorabbli Qorti ta' Appell Kriminali Inferjuri billi skond id-duttrina, il-ġurisprudenza, u skond il-ħaqq u l-jedd u l-libera konvinzjoni kuxjenzjuża tiegħu l-Imħallef Sedenti f'dik il-Qorti wara t-trattazzjoni tal-Appell se jagħti s-sentenza mistħoqqa tal-każ; l-appell u r-rikors tar-rikorrent huma miċħuda;

Spejjeż ta' l-ewwel istanza għar-rikorrent, ta' dan l-appell, bla taxxa.